TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**John u Marc Galdes**

**vs**

**Go Sport / Time International (Sport) Limited**

**CCT 52/19/MS**

17th Gunju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent John Galdes ipprezentat fis-6 ta' Mejju 2019 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €110.00, prezz ta' zarbun li ibnu xtara mis-socjeta' intimata, liema zarbun kien difettuz ghax ma kienx tajjeb ghall-uzu li ried jaghmel it-tifel tieghu, u cjoe' jiehu parti f'maratona.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn eccepiet preliminarjament:
illi r-rikorrent m'ghandux l-interess guridiku rikjest skond il-ligi biex iressaq it-talba odjerna;
illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-Avviz tat-Talba ma jiswiex ghax sar kontra entita' li m'ghandha l-ebda personalita' guridika;
illi minghajr pregudizzju Go sports mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici;
illi minghajr pregudizzju l-azzjni hija preskritta taht l-artikolu 79 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex konsumatur ghandu javza lill-kummercjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' formalita' fi zmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebah b'dak in-nuqqas ta' konformita'. F'dan il-kaz ebda avviz jew notifika ma ntbaghtu bil-mezzi preskritt mill-ligi.
illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talba tar-rikorrenti hija infondanta fil-fatt u fid-dritt peress illi l-mudell taz-zarbun huwa tad-ditta Under Armour li hija maghrufa madwar id-dinja fis-settur tal-isports; illi z-zarbun in kwistjoni ma kien bl-ebda mod difettuz kif qed jallega r-rikorrent fit-talba tieghu; illi meta iben ir-rikorrent xtara z-zarbun kellu l-opportunita' li jipprova z-zarbun sabiex jikkonferma li kien komdu ghalih u li kien tajjeb ghal saqajh; illi t-talba tar-rikorrenti mhi xejn hlief frivola u vessatroja.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tal-24 ta' Lulju 2019 fejn b'referenza ghat-tieni u t-tielet eccezzjoniet preliminari, t-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent biex isir korrezjoni fl-okkju fis-sens li l-isem tal-intimat jigi jaqra Go Sport/ Time International (Sport) Limited kif diga hemm fl-ittra tar-referenza ezebita f'dawn l-atti u ghalhekk it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-eccezzjonijiet.

Ra illi fl-istess seduta, b'referenza ghar-raba eccezzjoni giet prezentata ittra registrata mibghuta mir-rikorrent John Galdes fid-19 ta' Frar 2019 u ghalhekk it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezjoni.

Ra d-digriet tad-9 ta' Settembru 2019 fejn it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent biex jizdied l-isem ta' Marc Galdes bhala rikorrent sabiex l-okkju jinqara John Galdes u Marc Galdes vs Go Sports/Time International (Sport) Limited u b'hekk giet sorvolata ukoll l-ewwel eccezzjoni.

Ra l-att u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fis-26 ta' Jannar 2019 ir-rikorrenti marru fil-hanut Go Sports peress li Marc Galdes ried jixtri zarbun ghal giri ghax kien ser jiehu sehem f'maratona li kienet ser ssir fi Frar tal-istess sena. Bl-assistenza tas-*sales-girl* ghazel wiehed, ippruvah u dak il-hin deher komdu u ddecieda li jixtrih. Il-problemi bdew mal-ewwel *training* fejn hass ugigh f'saqajh. Rega' pprova t-tieni u mat-tilelet darba l-ugigh baqa' hemm u zdied. Skond ir-rikorrenti dan iz-zarbun ma kienx tajjeb ghal giri. Kellmu lil xi hadd mis-socjeta' intimata li ma accetax l-allegazzjoni li z-zarbun kellu xi difett pero' gew ofruti zarbun iehor bi prezz ridott. Din il-proposta ma kenitx accettata mir-rikorrenti ghaliex dehrilhom li z-zarbun kellu difett latenti, ma kienx tajjeb ghal uzu li riedu jaghmel bih ir-rikorrent u ma kellhomx jonfqu iktar flus.

Marc Galdes ikkonferma illi dan iz-zarbun uzah tlett darbiet, ikkawzalu hafna ugigh u ma setax ikompli juzah. Missieru kkonferma li t-tifel ma marx jara tabib ghal dan l-ugigh u ma kellux bzonn terapija ghaliex ma kellux problemi b'saqajh u l-ugigh kien rizultat tal-uzu taz-zarbun u l-ugigh telqu malli waqaf juzah.

Illi min-naha l-ohra Jose' Borg rapprezentant tas-socjeta' intimata xehed illi dawn iz-zraben huma tad-ditta Under Armour, kumpanija li qed tikber b'rata mghaggla u li hija t-tieni l-akbar kumpanija fid-dinja tal-isport wara Nike. Din id-ditta timmanifattura diversi tipi ta' zraben - *running, walking etc*, u huma ta' kwalita' eccellenti kif anke konfermat mir-*ratings u reviews* li jircievu *online*. Xehed ukoll illi huma qatt ma kellhom ilment fuq dawn iz-zraben hlief mir-rikorrenti u li lanqas biss fadlilhom *in stock*. Borg spjega li huwa qatt ma nghata xi tip ta' certifkat minn tabib jew terapista fuq l-ugigh li kien qed ihoss ir-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi 'kumdita'' fejn jidhlu iz-zraben hija xi haga soggettiva hafna, anke minhabba li hemm daqstant forom ta' saqajn daqs kemm hemm nies, u zarbun li jkun komdu ghal wiehed jaf ikun skomdu ghal haddiehor. Huwa fatt ukoll illi certa ditti ighoddu ghal xi whud u mhux ghall-ohrajn. It-Tribunal ghalhekk jemmen illi hemm differenza bejn li zarbun ma jkunx tajjeb ghall-iskop tal-uzu tieghu u

zarbun li ma tkunx tajba ghal dak li jkun. L-ewwel tkun koperta bil-garanzija, menti l-ohra ma tkunx.

Huwa principju accetat mill-ligi u gurispurdenza illi min jallega jrid jipprova u jinkombi fuq dak li jallega li jgib il-prova ta' dak minnu pretiz fuq bazi ta' probabbilita'. Il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull Tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet (ara sentenza Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino -Appell Kum 25/02/1952).

Ikkunsidra

Illi l-argument principali tas-socjeta' intimata hu fis-sens illi ma ngabitx prova li dan iz-zarbun huwa difettuz u x-xiehda tal-missier illi z-zarbun huwa difettuz minghajr korroborazzjoni mhijiex bizzejjed fic-cirkostanzi - se mai dan huwa detto del detto. Il-fatt illi zarbun ma jkunx komdu ghal persuna ma jfissirx illi huwa difettuz u r-rikorrenti kellhom jippruvaw dan id-difett permezz ta' prova oggettiva u korroboratorja, bhal per ezempju certifkat mediku.

L-argument tar-rikorrenti huwa li dan iz-zarbun ma kienx *'fit for purpose'* u cjoe' li ma kienx tajjeb ghal giri u d-diffett hareg malli t-tifel uzah u ghalhekk ma setax jinduna bih qabel.

Ikkunsidra

Illi wara li ghamel l-apprezament tieghu, it-Tribunal huwa propens illi jaqbel mal-argument tas-socjeta' intimata fis-sens illi kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jgibu provi abbazi ta' probabbilita' li kien hemm rabta bejn l-ugigh li sofra r-rikorrent u l-allegat difett fiz-zarbun Ir-rikorrenti kienu fil-liberta' illi jmorru ghand tabib jew ahjar podjatra ghall-evalwazzjoni taz-zarbun in kwistjoni u dan kien iservi bhala prova ta' tali diffett, jekk verament kien il-kaz. Dan m'ghamlux u kwindi r-rikorrenti ma jistghux ikollhom success fl-istanza taghhom.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes ghandhom jithallsu mir-rikorrenti. Bi dritt tar-rikorrenti illi jiehdu lura pussess taz-zarbun li bhalissa jinsab depozitat fit-Tribunal.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru